MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tat-13 ta' Frar, 2012

Avviz Numru. 337/2010

**GO p.l.c. (C-22334)**

**Vs**

**Carmelo Dingli**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat mis-socjetà GO p.l.c. u kkonfermat bil-gurament mill-Prokuratur Legali Noel Scerri fis-16 ta' Settembru 2010, permezz ta' liema u in bazi ghall-premessi li (a) il-kawza fl-ismijiet **Maltacom p.l.c. v. Carmelo Dingli** (Talba Nru. 255/2005 PBC) giet deciza mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fl-10 ta' Marzu 2005 u fl-istess kawza l-konvenut kien giet ikkundannat ihallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' hames mija u sittax-il Lira Maltin u sebgha u erbghin centezmu (Lm516.47) valuta antika illum ekwivalenti ghal elf mitejn u tliet Euro u hames centezmi (€1,203.05) in konnessjoni mas-servizz

telefoniku numru 434080, (b) is-socjetà rikorrenti qabel kienet maghrufa bhala Maltacom p.l.c. u dan fl-istess waqt hija zammet il-personalità guridika ezistenti stante li n-numru tar-Registrazzjoni taghha mar-Registratur tas-Socjetajiet baqa' l-istess, cioè C-22334, (c) illi mill-imsemmija somma l-konvenut hallas €873.05 b'hekk l-ammont dovut fil-mument huwa ta' €330.00, salv kull imghax u spejjez ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv, (d) mid-data tas-sentenza ghaddew iktar minn hames (5) snin u s-socjetà rikorrenti ghandha interess li tipprocedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tigbor l-ammont lilha dovut, titlob sabiex din il-Qorti tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni halli tesegwixxi s-sentenza fil-konfront ta' l-intimat a tenur ta' l-Artikolu 258 *et sequitur* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Rat id-Digriet taghha tat-23 ta' Settembru 2010 li bih appuntat ir-Rikors tas-socjetà rikorrenti ghas-smigh ghall-Gimgha 15 ta' Ottubru 2010 fid-9:30a.m., u li l-istess Rikors u Digriet jigi notifikat lill-intimat, bi zmien ghaxart (10) ijiem ghar-risposta;

Rat illi mill-atti jirrizulta li l-intimat giet debitament notifikat bir-Rikors u Digriet imsemmija izda naqset milli jirrispondi ghall-istess Rikors entro t-terminu lilu prefiss u lanqas ma pprezenta Risposta wara li l-Qorti fil-15 ta' Ottubru 2010 ikkoncedietlu terminu ulterjuri ta' ghoxrin (20) gurnata ghal tali skop;

Rat in-Nota tat-2 ta' Mejju 2011 ipprezentata mis-socjeta' rikorrenti permezz ta' liema ingab a konjizzjoni ta' din il-Qorti (a) li wara s-sentenza msemmija fir-Rikors promotur, l-intimat beda ihallas b'rati mensili wara ftehim ma' l-istess socjeta; (b) illi l-intimat naqas li jzomm mal-pagamenti diversi drabi u ghalhekk wara diversi tentattivi u korrispondenza kellu jigi ntavolat l-istess Rikors promotur biex is-socjeta' rikorrenti tkun tista' tesegwixxi t-titolu taghha, (c) illi kuntrarju ghal dak indikat fl-istess rikors, l-intimat kien ghad fadallu jaghti biss is-somma ta' €186.98 u mhux €330.00, (d) illi fil-mori ta' dan ir-rikors, l-intimat rega' affetwa hlas iehor u ghalhekk illum ghad fadallu

jaghti lis-socjeta’ rikorrenti s-somma ta’ €89.98 flimkien ma’ l-ispejjez u drittijiet tar-rikors promoter;

Rat l-atti l-ohra tar-Rikors;

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-atti processwali jirrizulta li ghaddew iktar minn hames (5) snin minn meta s-sentenza fl-ismijiet “Maltacom p.l.c. v. Carmelo Dingli” Talba Nru. 255/05, setghat tigi esegwita fil-konfront ta’ l-istess intimat. Jirrizulta wkoll li ghalkemm hemm bdil f’isem is-socjetà rikorrenti din effettivament baqghet l-istess persuna guridika, tant illi n-numru tar-registrazzjoni taghha baqa’ C-22334.

Illi l-Prokuratur Legali Noel Scerri in rapprezentanza tas-socjetà rikorrenti ikkonferma bil-gurament ix-xorta tad-dejn pretiz mill-imsemmija socjetà minghand l-intimat u li dan id-dejn ghadu dovut sallum. Min-Nota pprezentata fit-2 ta’ Mejju 2011 però jirrizulta li s-sorte dovuta mill-intimat lis-socjetà rikorrenti llum tammonta ghal €89.98 u ghalhekk huwa dan l-ammont li ghadu dovut oltre l-imghax legali u l-ispejjez giudizzjarji konnessi mal-proceduri bin-Numru tat-Talba 255/05 u decizi bis-sentenza iktar ‘il fuq imsemmija u l-ispejjez giudizzjarji konnessi ma’ dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant, il-Qorti a tenur ta’ l-Artikolu 258 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta tilqa’ it-talba u tawtorizza lis-socjetà rikorrenti tesegwixxi kontra l-intimat, permezz tal-Mandati Ezekuttivi opportuni, t-titolu ezekuttiv taghha nascenti mis-sentenza fl-ismijiet “Maltacom p.l.c. v. Carmelo Dingli” Talba Nru. 255/05 deciza fl-10 ta’ Marzu 2005 (Talba Numru 255/05) ghall-fini li tithallas il-bilanc lilha dovut flimkien ma’ l-imghax legali u spejjez giudizzjarji relattivi.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri jibqghu a karigu ta’ l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------